MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Numru. 65/1998

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDRA FARRUGIA MAMO**
**SPETTUR WALTER SPITERI**

**KONTRA**

**CARMELO MANICARO, iben Joseph u Carmen nee' Schembri, imwieled Tarxien nhar it-08.11.1955, residenti fil-fond numru 8A, School Street, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 780555M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **<u>Carmelo Manicaro</u>** li gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq, u cioe' biegh, zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, hwejjeg ta' diversi marki rinomati, dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikolu 298(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Awla 14, fl-10 ta' Dicembru, 1997.

Rat li ghal dawn l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe l-Artikoli 298, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi wara tul kbir ta' zmien, u wara anke hatra ta' zewg esperti (li pero wiehed ghal raguni ta' sahha, u l-iehor minhabba li gie mwaqqaf b'verbal tad-Difiza), l-imputat snin wara, ghazel illi jirregistra li ma kinx hemm bzonn li ssir ebda spezzjoni (allura ezami) fuq il-flokkijiet ghax kien qieghed jaccetta li ma kinux originali.

Il-Qorti tinnota wkoll li d-Difiza ma gabet ebda provi.

Ikkunsidrat:

Illi PC 296 Alfred Lia xehed kif kienu sabu persuna armata f'Zerafa Street bi hwejjeg ta' ditti Adidas u Reebock - allegatament foloz.

PC 111 Mark Anthony Camilleri xehed li sabu dawn il-hwejjeg tad-ditti ghand l-imputat, semma ditti bhal Nike, Reebock u Adidas.

Minn naha tieghu l-Ispettur Walter Spiteri kien ezebixxa lista tal-oggetti maqbuda minghand l-imputat, Dok WS1, folio 19.

Giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-istess imputat, Dok WS14, folio 22, fejn fl-istess qal illi dawn il-hwejjeg kienu jgibuhomlu zewg Egizzjani mit-Turkija. Qal illi dawn ikunu bi prezzjijiet baxxi minn hemm. Qal illi dan il-fatt ghamlu ghal tliet darbiet erbgha, u li kien hu li kien ihallas ghall-hwejjeg. Ammetta li l-hwejjeg ma kinux originali, anke skondtu minhabba l-prezz taghhom.

Giet ezebita stqarrija ohra tal-imputat mehuda granet tard, din id-darba mill-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo (dak iz-zmien), Dok AFM3 folio 51. Fiha l-imputat qal issa li kienu fuq it-truck li kien armat bih ghaliex tnejn minnhom kien xtrahom mix-Xatt; u l-ohrajn kienu xtrawhom it-tfal. Qal illi tieghu kien xtrahom bit-tminn liri Maltin-il wahda. Qal illi ma kinx jaf li kienu foloz u li kienu mghottija bil-plastic ghax ma kinux ghall-bejgh. Qal illi ma kellu ebda awtorita' biex ibiegh hwejjeg tad-ditti.

PC 1216 Anthony Cachia wkoll xehed illi meta sabu l-hwejjeg ghand l-imputat, dawn kienu mghottija.

L-espert William Cassar Torreggiani kien ezebixxa r-relazzjoni tieghu fejn elenka l-istess oggetti maqbuda u l-valur ta' l-istess, Dok WT folio 80.

Giet ezebita wkoll citazzjoni (vera kopja) ta' VAT Sitting, li fuqha hemm imnizzel il-kliem Lm50 multa. Din pero l-Qorti mhix ser tikkonsidraha bhala sentenza jekk hekk suppost li hi, ghax certament mhix wahda fil-format kif inhi prezentata.

Dawk huma l-provi fjakki li din il-Qorti, tul dawn is-snin kollha li ilha ghaddejja din il-kawza, giet prezentata bihom.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemm ebda dubbju li ghand l-imputat instabu diversi hwejjeg skont il-lista ezebita. Fl-ewwel stqarrija minnu rilaxxata, kien car dwar il-konoxxenza tieghu li l-hwejjeg kienu foloz in kwantu ghad-ditti taghhom kif murija, u dan minhabba l-prezz. Hija wkoll konvinta l-Qorti

li dawn instabu fuq it-truck li kien armat bil-haxix ghall-kummerc mhux ghad-dekorazzjoni – ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini tal-Artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tilliberah mill-effetti tar-recidiva in kwantu kif gie premess, dan ma jirrizultax
Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tillibera lil Carmelo Manicaro bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------